# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
## SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 31 ta' Mejju 2022**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Numru:- 98/2018 JVC**

**Joseph Camilleri ID 351548(M)**

**vs**

**1. Avukat tal-Istat**

**U**

**2. Angelo, Francis, Joseph, Victor, Margaret mart Carmelo Fenech, Paolo u Maria Dolores mart Philip Micallef, ahwa Camilleri, in-nisa mizzewga bl-assistenza ta' zwieghom, li qeghdin jagixxu ukoll bhala kapijiet tal-komunjoni u**

**bhala amministraturi tal-assi parafernali ta' marthom rispettiva ghal kull interess li jista' jkollhom**
**3. u b'digriet tal-10 ta' Jannar 2019 gew kjamati fil-kawza Victoria Deguara u Maria Dolores Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrent Joseph Camilleri ssottometta kif isegwi:

'Illi l-esponenti huwa konvenut fil-kawza **Angelo Camilleri et vs Victoria Deguara et** Citaz Nru. 809/93 li tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti u differita ghad-29 ta' Ottubru 2018 ghal informazzjoni ulterjuri. Din il-kawza fis-semplicita taghha hija kawza fejn l-atturi Camilleri et (intimati f'dawn il-proceduri kostituzzjonali) qedin jitolbu lill-Qorti sabiex (1) tiddikjara li l-konvenuta (f'dawk il-proceduri) Victoria Deguara ma kellha ebda dritt iccedi favur il-konvenut l-iehor Joseph Camilleri (ir-rikorrent odjern) il-qbiela ta' bicca ghalqa fi Triq Burmarrad, Burmarrad li hija kienet tidditjeni bi qbiela mill-joint office, (2) tiddikjara li tali cessjoni hija nulla u (3) tordna li l-konvenut Camilleri (ir-rikorrent odjern) johrog minn tali raba.

Illi in sintesi l-konvenuti fil-kawza sudetta eccepew:

(1) Il-karenza tal-interess guridiku tal-atturi;

(2) Illi ic-cessjoni tista tigi attakata mis-sidien tal-art u mhux allura mill-atturi;

(3) Illi fi kwalunkwe kaz l-atturi jistghu biss jitkellmu fuq dik il-parti li messet lilhom u mhux fuq il-parti in kwistjoni li messhet lill-konvenuta Deguara.

Illi l-provi fil-kawza kienu qedin jinstemghu quddiem il-Perit Legali mahtur mill-Qorti u wara li inghalqu l-provi, l-atturi (intimati odjerni) kienu nghataw il-fakolta li jipprezentaw nota tal-osservazzjonijiet taghhom sat-23 t'Awwissu 2010 filwaqt li l-esponenti kien inghata sat-30 ta' Settembru 2010 ghan-nota responsiva. L-esponenti pprezenta n-nota ta' osservazzjonijiet tieghu f'Settembru 2010 u sussegwentement fl-udjenza tal-15/7/15 il-Perit Legali Dr. Vincent Galea halef ir-rapport tieghu u l-kawza thalliet ghall-ezami tar-rapport ghat-3 ta' Dicembru, 2015. Fis-seduta tat-3/12/15 l-atturi (intimati odjerni) kienu talbu li jeskutu lill-perit legali izda fis-seduta tal-11/3/16 l-atturi biddlu fehemthom u rrinunzjaw ghall-eskussjoni tal-perit legali izda informaw lill-Qorti li kienu ser jintavolaw rikors ghal kjamata in kawza tal-*joint office*.

Illi permezz ta' Digriet ta' l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili mghoti fil-miftuh fil-5 ta' Ottubru 2016, l-istess Qorti kienet laqghet it-talba tal-atturi intimati odjerni) ghall-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt fil-kawza sudetta, liema talba kienet saret mill-atturi permezz ta' rikors taghhom datat 10 ta' Mejju 2016.

Illi l-esponenti kien hass ruhu ferm aggravat b'tali Digriet u permezz ta' rikors ai termini tal-artikolu 229(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, datat 12 ta' Ottubru 2016 (fol 325 et seq) huwa talab lill-Ewwel Onorabbli Qorti sabiex taghtih l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex ikun jista jintavola appell quddiem l-Onorabbli

Qorti tal-Appell mid-digriet sudett tal-5 ta' Ottubru 2016 u dan qabel id-decizjoni finali.

Illi permezz ta' decizjoni taghha tal-20 ta' Frar 2017 l-Ewwel Onorabbli Qorti laqghet it-talba tal-esponenti tat-12/10/16 u akkordatlu l-permess mehtieg sabiex huwa jkun jista jappella mid-Digriet tal-Ewwel Qorti tal-5 ta' Ottubru 2016, quddiem din l-Onorabbli Qorti tal-Appell u dan qabel is-sentenza finali.

Illi l-esponenti appella minn tali Digriet tal-5 ta' Ottubru 2016 permezz ta’ rikors ta' appell intavolat fl-10 ta' Mejju 2016 liema appell gie pero michud mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni taghha tat-2 ta Marzu 2018. Il-Qorti tal-Appell qalet hekk fid-decizjoni taghha:

*L-aggravji tal-appellanti huma tlieta - li s-sentenza hija legalment zbaljata, li mhux permissibbli li tintalab sejha fil-kawza fi stadju avvanzat hafna ta’ proceduri u li bl-akkoljiment tat-talba tal-atturi l-ewwel Qorti kif nghidu "caqalqet il-lasti" u dan ghaliex kien evidenti ghall-appellati li l-Qorti kienet se tilqa' l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' integrita' tal-gudizju.*

*Rigward l-ewwel aggravju huwa evidenti mill-gurisprudenza indikata li dan mhuwiex fondat ghaliex jezistu r-rekwiziti legali biex it-talba tal-appellati tintlaqa' peress li huwa evidenti li l-Ufficcju Kongunt bhala sid tal-propjeta' in kwistjoni ghandu interess fl-ezitu tal-kawza kif jidher mill-att tac-citazzjoni fuq imsemmi. Rigward it-tul ta' zmien li ilha pendenti l-kawza, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza Calleja v. Degiorgio deciza fid-9 ta' Marzu 2001 ikkummentat hekk:*

*"Din il-Qorti tifhem certament x'immotiva l-ewwel Qorti li bhala thossha hafna drabi frustrata bil-fatt li kawza li tista'*

*essenzjalment tispicca fi zmien qasir iddum ix-xhur twal jekk mhux is-snin biex tinqata'. Huwa veru, in fatti, li din il-kawza per ezempju ilha pendenti minn 1997. Ma ifissirx, pero', ili ghal dan ghandu jigi sagrifikat il-principju li kemm jista' jkun, mhux biss issir il-Gustizzja, imma anke ssir b'mod illi wiehed ma jhossx li saret ingustizzja mieghu. In verita', din il-Qorti tahseb illi benche' l-Ewwel Qorti kienet motivata tajjeb, in realta, forsi decizjoni li tichad it-talba fuq il-bazi li hija ghal ahjar fini ghal ahjar amministrazzjoni tal-Gustizzja minhabba li l-kawza kienet ilha pendenti minn 1997 timporta xi htija da parti tar-rikorrent li fi-fatt din il-Qorti, pero', m'hijiex qed tintravedi. Minhabba f'hekk jidhrilha li jkun aktar indikat fl-ahjar interess tal-Gustizzja li tinvita lill-Ewwel Qorti li tindirizza l-kwistjoni tal-kjamata in kawza fid-dawl ta' jekk hiex necessarja jew le konsidrat il-meritu tal-kawza aktar milli fuq il-fatt illi l-istess kawza ilha pendent ... ...*

*Jibqa' allura l-aggravju tal-bdil tas-sitwazzjoni fir-rigward tal-integrita' tal-gudizzju. F'dan ir-rigward, f'kaz simili hafna ricentement deciz minn din il-Qorti diversament komposta fl-ismijiet* ***Nazzareno Zahra v. Emanuel Zahra*** *(27 ta' Ottubru 2017) intqal hekk;*

*"… ... meta t-terzi jippretendu jedd fuq il-haga bhal fil-każ tallum, fejn il-konvenut qieghed jippretendi li l-ghalqa hija mikrija lilu - il-kerrej ma jistax jagixxi kontra dawk it-terzi fl-isem tieghu nnifsu. Dan huwa msahhah b'dak li jghid l-art. 1553:*

*»**1553.** Jekk it-terzi li jkunu kkagunaw molestja b'ghemilhom, jippretendu li ghandhom xi jedd fuq il-haga mikrija, jew jekk il-kerrej ikun huwa nnifsu gie mharrek biex jigi kkundannat jitlaq minn idejh il-haga kollha jew bicca minnha, jew biex ihalli li tigi eżercitata xi servitù, hu ghandu jsejjah lil sid il-kera biex jiddefendih, u, kemm-il darba hekk jitlob, ghandu jigi mehlus mil-*

*kawża, billi jaghti l-isem ta' sid il-kera illi fl-isem tieghu huwa jkollu f'idejh il-haga.«*

*15. Dan huwa logiku, ghax jekk hemm kontestazjoni dwar min hu l-kerrej ma jkunx guridikament korrett li kwistjoni tigi deciża fl-assenza tas-sid li certament huwa parti interessata fil-kwistjoni. Ghalhekk, ukoll jekk kerrej - qua kerrej u mhux qua detentur - ghandu azzjoni diretta kontra terzi, irid qabel xejn jaghmel prova tat-titolu tieghu ta' kerrej u, jekk dan hu kontestat irid bilfors jissejjah fil-kawza s-sid biex il-gudizzju jkun integru. Ghalhekk il-Ligi tghid illi l-kerrej "ghandu jsejjah lil sid il-kera biex jiddefendih".*

*Ghalhekk huwa car li huwa necessarju li fl-Ufficcju Kongunt ikun imsejjah fil-kawza u konsiderazjonijiet ohra imressqa mill-appellant fir-rigward jistghu jkunu ta' rilevanza biss meta l-Qorti tiddeciedi dwar il-kap tal-ispejjez.*

## **ILMENT KOSTITUZZJONALI**

Illi l-esponenti jsostni illi d-Digriet tal-Onorabbli Prim'Awla fil-kawza sudetta tal-5 ta' Ottubru 2016 permezz ta' liema l-istess Qorti laqghet it-talba tal-atturi (intimati odjerni) ghall-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt fil-kawza sudetta, liema talba kienet saret mill-atturi permezz ta' rikors taghhom datat 10 ta' Mejju 2016 u liema Digriet gie konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni taghha tat-2 ta' Marzu 2018 huwa leziv tal-jedd fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedemu tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament - artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Ewwel

Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, b'tali Digriet il-Qorti gabet fix-xejn eccezzjoni specifika tal-esponenti li minflok ma giet deciza b'sentenza skond il-Ligi, giet minflok reza ineffikaci jew sorvolata permezz tad-Digriet in kwistjoni; b'tali Digriet il-Qorti ippermettiet u qeda tippermetti kambjament straordinarju fil-parametri pre-stabbiliti tal-kawza bl-introduzzjoni ta' personagg gdid fil-kawza li allura jbiddel mhux biss il-konfigurazzjoni shiha tal-kawza u jippregudika serjament id-difiza cara u mistqarra, sa mill-bidu nett, tal-esponenti izda addirittura jammonta ghal caqlieq shih tal-lasti b' mod illi l-esponenti mhux qed jinghata u ma jistax jinghata smigh xieraq ghal kaz tieghu jekk din is-sitwazzjoni ma tigix mregga lura; u il-proceduri de quo li diga fihom infushom huma twal wisq qed jithallew jitwalu ulterjorment peress illi l-kawza ser tinfetah berah mill-gdid.

Illi kif diga gie accennat fic-citazzjoni taghhom,ipprezentata fin-1993, l-atturi (intimati odjerni) wara li ppremettew:

(a) illi huma u konvenuta l-ohra Victoria Deguara ghandhom imqabbla ghandhom raba fi Triq Burmarrad, Burmarrad li huma ilhom jahdmu bi ftehim bejniethom bhala gabillotti u bhala eredi ta' Giovanni Gatt, u li l-qbiela tieghu kienu johorguh l-istess eredi u jithallas lill-awtoritajiet ekklesjastici, is-sidien ta' istess ghalqa.

(b) Illi l-konvenuta Victoria Deguara, minghajr permess u kunsens tal-atturi u tal-awtoritajiet ekklesjastici, cediet id-drittijiet ta' qbiela ta' parti tal-ghalqa, li kienet giet lilha assenjata biex tigi mahduma, lill-konvenut appellant Joseph Camilleri, u dana bi pregudizzju ghad-drittijiet tal-atturi u bi ksur ta' dawk id-drittijiet.

TALBU illi jigi dikjarat u deciz li l-konvenuta Victoria Deguara ma kellha ebda dritt li ccedi dik il-parti tal-ghalqa fuq riferita u konsegwentement jigi dikjarat u deciz l-istess cessjoni hija invalida u nulla u li l-konvenut Joseph Camilleri jigi kundannat jirrilaxxja u johrog minn dak ir-raba fi zmien qasir.

Illi l-esponenti fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu pprezentata f'Awwissu 1993, eccepixxa, inter alia: "Illi fit-tieni lok il-gudizzju mhux integru u dan stante li una volta li qeghda tigi attakkata c-cessjoni tal-qbiela in kwistjoni u assenjazzjoni tal-istess lill-eccipjenti Joseph Camilleri huwa mehtieg sine qua non il-prezenza tal-istess Awtoritajiet Ekklesjastici jew persuni ohra flokhom fid-dawl tal-ftehim milhuq bejn l-Istat u s-Santa Sede".

Illi fil-mori tal-kawza gew nominati periti legali li semghu l-provi u finalment fil-15/7/15 il-Perit Legali Dr. Vincent Galea ikkonferma bil-gurament ir-rapport tieghu.

Illi sussegwentement fit-3 ta' Dicembru 2015 l-atturi kienu talbu l-eskussjoni tal-Perit Legali, izda fis-seduta tal-11 ta' Marzu 2016 l-atturi informaw lill-Qorti li kienu qeghdin jirrinunzjaw ghall-eskussjoni tal-Perit Legali u ser jitolbu minflok l-kjamat in kawza tal-Joint Office.

Illi sussegwentement permezz ta' rikors taghhom datat 10 ta' Mejju 2016 l-atturi talbu formalment li jigi kkjamat in kawza l-ufficju kongunt, liema talba giet opposta bil-qawwa kollha mill-esponent permezz tal-opportuna risposta li tinsab in atti, u wara li l-partijiet trattaw il-punt in materja quddiem il-Qorti, l-Ewwel Qorti, permezz ta' Digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 2016 laqghet it-talba tal-atturi ghall-kjamata in kawza tal-Ufficju Kongunt.

Illi l-esponenti talab u ottjena mill-Ewwel Qorti l-permess mehtieg sabiex jappella minn tali Digriet qabel is-sentenza finali.

Illi l-esponenti Appella minn tali Digriet permezz ta' rikors ta' Appell quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, liema appell gie pero michud mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni taghha tat-2 ta Marzu 2018.

Illi permezz tar-rikors kostituzzjonali odjern l-esponenti qieghed jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti fis-Sede Kostituzzjonali taghha talba sabiex jigi dikjarat u deciz illi d-Digriet tal-Onorabbli Prim'Awla fil-kawza sudetta tal-5 ta' Ottubru 2016 permezz ta' liema l-istess Qorti laqghet it-talba tal-atturi (intimati odjerni) ghal-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt fil-kawza sudetta, liema talba kienet saret mill-atturi permezz ta' rikors taghhom datat 10 ta' Mejju 2016 u liema digriet gie kkonfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni tat-2 ta' Marzu 2018 huwa leziv tal-jedd fundamentali tieghu ghal smigh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 (1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta billi, fost ragunijiet ohra, b'tali Digriet il-Qorti gabet fix-xejn eccezzjoni tal-esponenti li minflok ma giet deciza b'sentenza skond il-Ligi, giet minflok reza ineffikaci jew sorvolata permezz tad-Digriet in kwistjoni; b'tali Digriet il-Qorti ippermettiet u qeda tippermetti kambjament straordinarju fil-parametri pre-stabbiliti tal-kawza bl-

introduzzjoni ta' personagg gdid fil-kawza li allura jbiddel mhux biss il-konfigurazzjoni shiha tal-kawza u jippregudika serjament id-difiza cara u mistqarra, sa mill-bidu nett, tal-esponenti izda addiritura jammonta ghal caqliq shih tal-lasti b'mod illi l-esponenti mhux qed jinghata u ma jistax jinghata smigh xieraq ghal kaz tieghu jekk dan is-sitwazzjoni ma tigix rimedjata; u l-proceduri de quo li diga fihom infushom huma twal wisq qed jithallew jitwalu ulterjorment peress li l-kawza ser tinfetah berah mill-gdid.

**L-eccezzjoni tal-esponenti ingabet fix-xejn.**

Illi l-esponenti jsostni illi meta l-Qorti laqghet it-talba ghall-kjamata in kawza tal-ufficju kongunt hija gabet fix-xejn eccezzjoni specifika tieghu illi l-kawza kif proposta mill-atturi ma kienetx proponibbli liema eccezzjoni jidher car li kienet wahda fondata tant illi fir-rapport tieghu l-abbli Perit Legali Dr. Vincent Galea kien ikkonkluda favur l-akkoljiment taghha u r-rigett tat-talbiet attrici.

Sabiex jevadu dak li kien jidher car u li kien irrelata l-abbli Perit Legali, l-atturi ipprocedew bl-intavolar tar-rikors ghall-kjamata in kawza biex b'hekk isewwu nuqqas fundamentali fic-citazzjoni taghhom u bl-ilqugh mill-Qorti ta' tali talba permezz tad-Digriet hawnhekk imsejjah leziv, il-Qorti giet illi gabet fix-xejn l-eccezzjoni tal-esponenti mghotija sa mill-bidu nett tal-proceduri li b'hekk giet allura reza ineffikaci b'semplici Digriet minflok ma giet deciza b'sentenza. Dan fih inniffsu jirrendi l-process tal-esponenti wiehed leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu billi ma gietx deciza eccezzjoni specifika tieghu izda minflok l-Qorti ippermettiet li l-istess tigi sorvolata permezz ta' Digriet.

Illi apparti minn hekk huwa car mill-gurisprudenza nostrana illi l-istitut tal-kjamat in kawza mhux qieghed hemm biex isewwi zball tal-atturi li naqsu milli ippostulaw il-kawza kif kellha tkun postulata mill-bidu nett.

Il-Qorti tal-Appell fid-decizjoni mirquma taghha tat-2 ta' Marzu 1956 fil-kawza fl-ismijiet **Giuseppe Farrugia et vs Giuseppe Farrugia** qalet bi kliem car illi:

> *Il-giurisprudenza prevalenti f'materja ta' kjamat in kawza hija li dan il-provvediment ghandu jigi ammess meta l-interess tal-persuna li trid tigi msejha fil-kawza juri ruhu fil-kors tal-kawza,* ***u mhux ukoll meta dan l-interess kien jippre-ezisti mill-bidu. Meta l-Interess ta' persuna li tkun prezenti f'gudizzju kien jezisti sa minn qabel ma giet istitwita l-kawza u ghalhekk dik il-persuna messha giet imdahhla fil-kawza mill-bidu, il-kjamata fl-kawza ta' dik il-persuna ma tistax tigi ammessa****". (enfazi u sottolinejar tal-esponenti).*

Illi dan huwa proprju l-kaz fil-kwistjoni odjerna, fejn il-persuna li tieghu qed tintalab il-kjamata mhux xi hadd li gie skopert waqt il-mori izda xi hadd li kien pre-ezistenti sa mill-bidu nett tal-kawza. Illi ghalhekk li jithalla jigi kjamat in kawza l-Ufficju kongunt f'dan l-istadju jilleddi d-drittjiet fundamentali tal-esponenti ghal smigh xieraq billi l-istess kjamata in kawza gabet fix-xejn eccezzjoni specifika tal-esponenti u aktar u aktar meta tali talba saret mill-atturi wara ben 23 sena mill-istess eccezzjoni, wara li l-provi kollha kienu maghluqa u wara li l-perit legali kien ipprezenta u halef ir-rapport tieghu fejn huwa kien irrakkomanda li l-eccezzjoni sudetta tal-esponenti kellha tigi akkolta.

Illi apparti minn hekk il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza deciza fit-22 ta' Lulju 1985, fl-ismijiet **Rita Portelli vs Ministru tal-Gustizzja u Affarijiet Parlamentari et**, rinfaccjata b'talba sabiex jigi kkjamat in kawza il-Prim Ministru bhala l-legittmu kontradittur idonju ghat-talbiet f'dik il-kawza qalet senza mezzi termini illi: "**Il-kjamata in kawza ma tistax isservi biex tikkonvalida proceduri nullament proposti**". Dan huwa proprju dak li qed jargumenta l-esponenti fil-proceduri de quo.

**Caqlieq tal-lasti u kapovolgiment procedurali**

ILLI bil-qima jinghad illi minn aspett purament procedurali id-Digriet mertu ta' dawn il-proceduri kostituzzjonali u per tant il-kjamata in kawza ta' persuna gdid fil-kawza fi stadju hekk inoltrat tal-kawza jammonta mhux biss ghal kapovolgiment procedurali totali izda wkoll iggib fix-xejn jew jippregudika irrimedjabilment d-difiza tal-esponenti li kienet ilha hemm prezenti sa mill-bidu nett tal-kawza (ossia l'fuq minn 20 sena ilu) u l-esponenti ibbaza andament tal-kawza u allura l-provi minnu migjuba, s-sottomissjonijiet maghmula u kwindi d-difiza shiha tieghu ghal kontra t-talbiet tal-atturi fuq l-ewwel zewg eccezjonijiet tieghu u liema difiza jidher li rnexiet tant li l-Perit Legali kien irrakkomanda lill-Qorti favur l-ilqugh ta' tali eccezzjoni u ghalhekk ma jistax ikun li issa l-atturi (aktar minn 23 sena wara) jithallew icaqalqlu l-lasti u jgibu fix-xejn id-difiza tal-esponent.

Illi l-esponenti jaghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Gunju 1957 fl-ismijiet **Michele Peresso pro et noe vs Onor. Domnic Mintoff noe et** fejn il-Qorti meta rinfaccjata b'talba sabiex jigi kkjamat in kawza id-Direttur tal-Edukazzjoni in aggiunta mal-konvenuti gja ezistenti fil-kawza kienet akkoljiet it-talba peress illi "***L-ewwel Qorti deherila, u bir-ragun, li bl-***

***aggiunta tal-imsemmi ... mal-konvenuti l-ohra l-posizzjoni ma kienetx qeda tigi mibdula. <u>Lanqas jista jinghad li b'dik l-aggiunta giet pregudikata l-azzjoni jew l-eccezzioni</u>". (Sottolinejar tal-esponenti)***

Il-pern kollu ta' dan il-bran jinsab fil-hsieb tal-Qorti tal-Appell li in materja ta' talba ghal kjamat in kawza tali talba setghet tintlaqgha biss f'sitwazzjoni fejn il-pozizzjoni tal-kawza ma tigix mibdula u la l-azzjoni u lanqas l-eccezzjoni ma jigu ppregudikati. A contrario sensu l-kjamata ma tistax issir jekk ikun hemm kambjament fil-pozizzjoni jew pregudizzju fl-azzjoni jew fl-eccezzjoni. U huwa dan ilment kostituzzjonali li qed jigi vventilat mill-esponenti li fil-kaz de quo akkoljiment tal-kjamat in kawza biddel irrimedjabbilment kemm il-pozizzjoni tal-esponenti li bbaza l-iter kollu tal-kawza tieghu u kwindi d-difiza tieghu fuq il-parametri tal-kawza kif kienet postulata u allura bil-partijiet li kienu involuti sa qabel ma inghata d-Digriet de quo u kif ukoll ippregudika irrimedjabbilment l-eccezzjoni tal-esponenti billi kif inghad aktar il-fuq gabha fix-xejn.

Illi dan qed jinghad peress illi kif jirrizulta mill-atti, fil-kawza de quo l-provi huma maghluqa, gie pprezentat ir-rapport peritali li kull parti kellha c-cans kollu tarah u ghadda anke t-terminu ghall-periti perizjuri u wara li l-atturi l-ewwel talbu li jeskutu lill-istess perit legali (liema talba kienet giet lilhom akkolta) sussegwentement kellhom tibdil tal-hsieb u filwaqt li rrinunzjaw ghal tali eskussjoni talbu l-kjamata in kawza tal-Joint Office, liema talba giet akkolta u f’dak il-mument il-process gudizzjarju fil-konfront tal-esponenti gie leziv ghad-drittijiet fundamentali tieghu ghaliex iddahhal element gdid f’kawza li kienet matura ghas-sentenza - illi (i) biddel ghal kollox il-pozizzjoni legali u ta' difiza tal-esponenti; (ii) biddel il-konfigurazzjoni shiha tal-kawza

li minn fazi fejn kellha tithalla ghas-sentenza regghet giet mixhuta f'pozizzjoni fejn kollox irid jerga jibda mill-gdid bin-notifika mill-gdid tal-atti lill-persuna gdida u l-konsegwenzi kollha procedurali li dan igib mieghu inkluz it-treggija lura ghall-istadju meta ghadhom mhux mghaluqa il-proceduri bil-miktub preliminari ai termini tal-158(12) tal-Kap 12; u (iii) introduca persunagg gdid f'kawza li ilha sejra aktar minn 25 sena u liema personagg fil-verita lanqas ghandu jkun konvenut izda semmai attur.
Illi f'xenarju bhal dan huwa car illi l-esponenti ghandu dritt fundamentali sagrosant li jara u jesigi illi kawza tighu tithalla titkompla u tigi deciza fuq <u>l-istess binarji li fuqhom inbdiet u ssawwret mat-twelid taghha</u> u mhux fl-ahhar minuta tal-kawza ossia jiem qabel ma tmur ghas-sentenza – l-atturi jithallew b'daqqa ta' pinna <u>jbiddlu x-xenarju legali, procedurali u fattwali kollu tal-kaz</u> billi jigi kkjamat in kawza l-ufficju kongunt u b'hekk tigi fix-xejn eccezzjoni tal-esponenti li ilha a konoxxenza ta' kulhadd sa mill-bidu nett tal-kawza.

**Zmien ragjonevoli biex tigi deciza l-kawza**

Illi huwa car illi l-proceduri de quo li diga fihom infushom twalu wisq minghajr ebda tort tal-esponenti, bid-Digriet de quo thallew u qed jithallew jitwalu ulterjorment peress illi jekk id-digriet de quo ma jigix annullat il-kawza ser tinfetah berah mill-gdid b'mod illi huwa leziv ghad-drittijiet fundamentali tal-esponenti.

## <u>TALBA</u>

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost u ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti bil-qima jitlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) TIDDIKJARA illi l-fatti suesposti, senjatament id-Digriet tal-Onorabbli Prim' Awla fil-kawza sudetta tal-5 ta' Ottubru 2016 permezz ta' liema l-istess Qorti laqghet it-talba tal-atturi (intimati odjerni) ghall-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt fil-kawza sudetta, liema talba kienet saret mill-atturi permezz ta' rikors taghhom datat 10 ta' Mejju 2016 u liema Digriet gie konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni tat-2 ta' Marzu 2018 huwa leziv tal-jedd fundamentali tal-esponenti ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u senjatament l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Ewwel Skeda tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali inkorporata fil-Ligijiet ta' Malta bis-sahha tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) TAGHTI dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u tghati dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali ta' l-esponenti hekk kif garantiti taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u taht il-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali u dan billi, fost affarijiet ohra, tiddikjara d-Digriet tal-Onorabbli Prim Awla fil-kawza sudetta tal-5 ta' Ottubru 2016 u liema Digriet gie konfermat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell b'decizjoni tat-2 ta' Marzu 2018 huwa null u bla effett fil-konfront tieghu u dan isir taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.'.

Rat ir-risposta ta' l-Avukat tal-Istat li taqra kif isegwi:

1. 'Illi qabel xejn billi r-rikorrent qieghed f'din il-kawża jitlob fost hwejjeg oħra t-thassir ta' dikrieti moghtija f'kawża ċivili, fejn barra min-nies imsemmija fl-okkju ta' din il-kawża, hemm involuti wkoll Victoria Deguara u Maria Dolores Camilleri, allura jinhass xieraq ghall-ghanijiet ta' integrità ta' gudizzju li dawn ikunu parti huma wkoll f'din il-kawża. Mil-perspettiva tal-**artikolu 237 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** huwa fl-interess tar-rikorrent stess li jdahhal lil dawn iż-żewg min-nies f'din il-kawża jekk huwa jrid li s-sentenza f'din il-kawża tigi torbot u tghodd ghalihom ukoll;

2. Illi bla hsara ghal dan li ghadu kemm inghad, l-ilment tar-rikorrent li huwa garrab ksur ta' jedd ta' smigh xieraq fil-proċeduri ċivili 809/1993 ghaliex il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u l-Qorti tal-Appell awtorizzaw li jissejjah fil-kawża l-Ufficcju Kongunt huwa ghal kollox bikri peress li l-proceduri civili ghadhom ma ntemmux. S'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrent sejjer jigi żvantaġġjat waqt is-smigh tal-kawża civili tieghu. Ghalkemm huwa minnu li qrati civili ordnaw is-sejha tal-kawża tal-Ufficcju Kongunt, huma fl-ebda waqt ma ppronunzjaw ruhhom dwar l-eccezzjonijiet imressqa minn Joseph Camilleri f'dik il-kawża. Dawk l-eccezzjonijiet ghad irid jigu deciżi mill-qrati ċivili, b'dana li sakemm dawn ghad irid jigu maqtugha, ir-rikorrenti Joseph Camilleri ma jistax jghid li dawn sejrin jigu michuda. Kemm hu hekk, jista' jikun il-każ li dawn jigu milqugha;

3. Illi tassew f'dan l-istadju tal-proceduri mhuwiex indikattiv li proċeduri civili jigu diskussi u trattati in vacuo. F'dan il-

kuntest huwa stabbilit anke f'gurisprudenza konsistenti, illi biex tinsab vjolazzjoni tas-smigh xieraq, kif imhares taht **l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa mehtieg li l-proċess gudizzjarju jigi eżaminat fis-shih tieghu. Bhala regola, biex wiehed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wiehed mghandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali li jigru imma lejn jekk fis-shih taghhom, il-proċeduri kinux jew le kondotti b'gustizzja fis-sostanza u fl-apparenza;

4. Illi f'kull każ mhuwiex fl-irwol ta' din l-Onorabbli Qorti li tistharreg jekk eċċezzjonijiet imressqa mir-rikorrent Joseph Camilleri gewx newtralizzati minhabba s-sejħa fil-kawża tal-Ufficcju Kongunt. Dan l-eżerċizzju jeħtieġ li jsir mill-qrati civili u mhux mill-qrati kostituzzjonali. Ir-rikorrent ma jistax jinqeda b'din il-kawża kostituzzjonali sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi hi jekk l-eċċezzjonijiet imressqa minnu fil-kawża civili ghadhomx gustifikabbli u siewja fid-dawl tad-dikrieti marbuta mas-sejha tal-kawża. Dan ghaliex jekk din l-Onorabbli Qorti taghmel hekk hija tkun qeghda tigbed lejha s-setgħa li bil-ligi hija moghtija lill-qrati ċivili ordinarji u b'hekk tiġi li tkun qed tindahal u torbot idejn dawk il-qrati ċivili ordinarji dwar kif ghandhom jiddeċiedu l-kawza ċivili, qabel ma dawn ikunu mqar wettqu xoghlhom;

5. Illi tabilhaqq xogħol din l-Onorabbli Qorti mhuwiex li tistħarreg jekk il-qrati ċivili ordinarji ghamlux sew li laqghu s-sejha fi-kawża tal-Uffiċċju Kongunt, lanqas li jaraw jekk din is-sejha pparalizzatx eccezzjonijiet ta' Joseph Camilleri, izda li teżamina jekk fil-ħrug ta' din is-sejha, ġewx osservati garanziji proċedurali li huma mħarsa bl-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Fil-

każ tallum, ma jirriżultax li qrati ċivili ordinarji naqsu milli jħarsu dawn il-garanziji proċedurali meta għazlu li jawtorizzaw is-sejħa fil-kawża tal-Ufficcju Kongunt. Jirriżulta li dawn id-dikrieti nghataw minn qrati li huma indipendenti u imparzjali, wara li r-rikorrent Joseph Camilleri nghata jedd shih li jiddefendi l-pożizzjoni tieghu;

6. Illi r-rikorrent lanqas ma jista' jilmenta ghalissa mill-fatt li minhabba s-sejħa fil-kawża tal-Ufficcju Kongunt, il-kawża ċivili sejra titwal iktar milli ga damet. Billi l-futur ma jistax ikun maghruf, ir-rikorrent ma jistax jghid b'certezza li kawża ha titwal iktar minhabba li l-Ufficcju Kongunt gie mdahhal fil-kawża. Ghal dak li jiswa jista' jagħti każ li l-Ufficcju Kongunt jaghzel li lanqas biss iressaq provi. Mill-banda l-ohra hija ħaga certa li t-tressiq ta' din il-kawża kostituzzjonali biex tintervjeni fuq il-kawża ċivili, zgur li mhijiex ser tghin biex il-kawża ċivili tinqata' fl-immedjat;

7. Illi lil hinn minn dan kollu, il-fatt li kawża tista' ddum aktar mhijiex raġuni tajba biex twaqqa' dikrieti moghtja mill-Qrati;

8. Illi fl-ahharnett minghajr preġudizzju ghall-premess, l-esponent jaghlaq billi jgħid li ghalih ir-rikorrent Joseph Camilleri ma ġiex ippregudikat fl-eccezzjonijiet tieghu ghaliex l-Ufficcju Kongunt gie msejjah fil-kawża. Għallinqas minn qari mirqum tal-eccezzjonijiet mressqa minn Joseph Camilleri fil-kawża civili ma jidhirx li dan qajjem l-irritwalità jew improponibbilità tal-azzjoni ghaliex thalla xi hadd barra fil-kawża. Anzi fit-tieni eccezzjoni tieghu, Joseph Camilleri stess donnu jiġbed l-attenzjoni li fil-kawża hemm il-ħtiega li jiddahhal persuna oħra. Mill-mod ta' kif inhi miktuba l-eċċezzjoni ma jidhirx li Joseph Camilleri qed jghid

li l-kawża ċivili ghandha taqa' jew tfalli ghaliex hemm persuna nieqsa fil-kawża. Lanqas ma huwa qed jitlob il-helsien mill-harsien tal-ġudizzju għaliex hemm persuna nieqsa fil-kawża li suppost kellha tkun hemm. Bil-maqlub minn kif qed jifhimha l-esponent, Joseph Camilleri qiegħed aktar jiġbed l-attenzjoni li f'din il-kawża għandu jkun hemm parti oħra biex il-ġudizzju jkun shih;

9. Illi fi kliem ieħor ma jirriżultax li d-dikriet tas-sejħa fil-kawża tal-Uffiċċju Kongunt, imur kontra dak li hemm indikat fit-tieni eċċezzjoni li Joseph Camilleri ressaq fil-kawża ċivili. Anzi jidher li d-dikrieti dwar is-sejħa fil-kawża qegħdin sa ċertu punt iwettqu dak li qed jintalab f'dik it-tieni eċċezzjoni. Dan qed jingħad ghaliex l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-gudizzju mhijiex imsejsa fuq xi eżiġenza formali u preċiża li tindika xi nuqqas fl-azzjoni li ma jistax jissewwa;

Għaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imfissra t-talbiet imressqa minn Joseph Camilleri għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu.'.

Rat ir-risposta tal-intimati l-ahwa Camilleri konguntivament li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, fl-azzjoni odjerna il-gudizzju ma huwiex integru stante li, fil-kawza msemmija - Citazzjoni numru 803/93- hemm partijiet ohra illi ma humiex parti f'din il-kawza u huwa guridikament improponibbli li talba ghall-annullament jew varjazzjoni ta' Digriet ta' Onorabbli Qorti tar-Repubblika ta' Malta f'isem diversi partijiet ma tinkludiex il-partijiet kollha fil-kawza u ghalhekk l-intimati

esponenti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, Din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha stante li l-kawza - Rikors Guramentat numru 809/93/ RGM - ghadha pendenti quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fis-sede ordinarja taghha u jekk jigu michuda it-talbiet attrici f' dik il-kawza, ir-rikorrent ma jkun sofra l-ebda pregudizzju; ghalhekk, qabel ma jkun hemm decizjoni fuq l-istess kawza, ma jistax jigi effettivament cerzjorat li kien hemm xi ksir ta dritt fondamentali jew konvenzjonali tar-rikorrent;

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, ir-rikorrent ma garrab l-ebda vjolazzjoni ta' natura kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u/jew konvenzjonali a terminu tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet jew addirittura xi vjolazzjoni kostituzzjonali u/jew konvenzjonali ohra. Din hija kawza fejn l-interess li tinqata' il-kawza (809/93RGM) malajr huwa dak tal-esponenti u mhux tar-rikorrent stante li din hija kawza fejn huwa l-konvenut Joseph Camilleri li qed igawdi minn cessjoni illegali tal-qbiela ta' bicca art, ghalqa fi Triq f'Burmarrad u liema cessjoni l-esponenti qeghdin jattakkaw bil-kawza fil-meritu;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, hija infatti l-umili sottomissjoni tal-esponenti illi r-rikorrent ma ghandu l-ebda interess li jara li l-kawza fil-meritu (809/93RGM) tigi deciza u ghalhekk mhux biss appella mid-digriet ghall-kjamata in kawza - u liema appell kif imsemmi gie michud

permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu 2018 - imma issa addirittura intavola dawn il-proceduri li ma huma xejn ghajr tentattiv ta' appell iehor wara l-provvediment tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 2018 f'tentattiv car li tali rikorrent jibqa jiddetjeni din l-ghalqa illegalment in forza tac-cessjoni illegali li saret lilu. Biss biss, anke jekk wiehed jara illi, wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell tat-2 ta' Marzu 2018, ir-rikorrent, **li tant qed jghid li qed isofri tant pregudizzju bid-dewmien krejat**, ha xejn anqas minn seba' (7) xhur biex intavola dawn il-proceduri kostituzzjonali; sinjal car, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, illi l-unika interess li ghandu r-rikorrent fil-kawza fil-mertu huwa li jtawwal indefinittivament il-kawza fil-meritu a skapitu dirett tal-atturi u hadd aktar;

5. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-kjamata in kawza saret ghall-ragunijiet validi kif gja esprimiet ruhha Din l-Onorabbli Qorti fil-kawza fil-meritu kif ukoll l-Onorabbli Qorti tal-Appell b'digriet tat-2 ta' Marzu 2018.

6. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talbiet attrici ghandhom jigu kollha respinti stante li ma hemm l-ebda vjolazzjoni kostituzzjonali ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew konvenzjonali tal-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Unjoni Ewropea tal-konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali - Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta – u/ jew xi vjolazzjoni ohra kostituzzjonali jew konvenzjonali;

Ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti umilment jissottomettu illi t-talbiet tar-rikorrent ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess rikorrent.'

Rat illi fil-verbal tal-10 ta' Jannar, 2019 Dr Noel Bartolo riferibbilment ghall-ewwel (1) eccezzjoni sollevata minn Angelo Camilleri et talab il-kjamat in kawza ta' Victoria Deguara u Maria Dolores Camilleri u rat li l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jigu kjamati fil-kawza l-persuni msemmija;

Rat in-nota tal-kjamata in kawza Victoria Deguara li taqra kif isegwi:

'1. Illi hija giet notifikata bir-rikors kostituzzjonali ta' Joseph Camilleri tal-1 ta' Ottubru, 2018 u tiddikjara illi hija taqbel mat-talbiet attrici;

2. Illi fi kwalunkwe kaz l-esponenti m'ghanda ssofri ebda danni u/jew spejjez.

Daqstant ghandha l-esponenti x'tirrileva.'.

Rat l-affidavits, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat illi l-kjamata fil-kawza Maria Dolores Camilleri giet debitament notifikata permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni u stante li ghadda t-terminu ghar-risposta giet iddikjarata kontumaci;

Rat illi fuq talba ta' Dr Noel Bartolo mal-kawza odjerna gew allegati l-atti tac-citazzjoni numru 809/93 tenut kont izda li dan

huwa process li ghadu ghaddej u ghalhekk ikun a disposizzjoni ta' din il-Qorti jekk il-kawza tmur ghas-sentenza;

Rat l-atti tac-citazzjoni numru 809/93 allegati mal-kawza odjerna;

Rat illi fil-verbal datat 27 ta' Jannar, 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' tal-partijiet li jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet b'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kawza odjerna titratta allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem principalment tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li jitkellmu dwar id-dritt ghal smigh xieraq. Ghall-iskop tal-kaz, l-parti l-aktar rilevanti tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem hija s-segwenti:

> '1. Fid-decizjoni tad-drittijiet civili u ta' l-obbligi tieghu jew ta` xi akkuza kriminali kontra tieghu, kulhadd huwa ntitolat ghal smigh imparzjali u pubbliku fi zmien ragonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'ligi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurta` nazzjonali f'socjeta` demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ

fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċita` tista' tippregudika l-interessi tal-ġustizzja.'.

Mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-aktar ta' rilevanza ghall-kaz tar-rikorrent huwa s-segwenti:

'(2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.'.

**<u>Fatti:</u>**

<u>Cit nru: 809/93 Angelo Camilleri et -vs- Victoria Deguara et:</u>

Illi bejn l-istess partijiet (eskluz l-Avukat tal-Istat) tezisti kawza ohra bic-Citazzjoni numru: 809/93 fl-ismijiet **Angelo Camilleri et -vs- Victoria Deguara et** li ghadha pendenti fejn qieghed jintalab li:

(1) jigi dikjarat li l-konvenuta Victoria Deguara ma kellha ebda jedd iccedi l-qbiela fuq bicca raba' fi Triq Burmarrad, Burmarrad favur Joseph Camilleri mizmuma minnha bi qbiela minghand l-Ufficju Kongunt;

(2) jigi dikjarat li c-cessjoni hija nulla, u,

(3) jigi ordnat li l-intimat Joseph Camilleri johrog minn tali raba.

Illi l-intimati fil-kawza kwotata fost affarijiet ohra eccepew illi c-cessjoni tista tigi attakkata mis-sidien tal-art u cioe′ l-Ufficju Kongunt u mhux allura mill-atturi.

Wara li ghaddew numru ta′ snin, l-atturi fil-kawza Angelo Camilleri et -vs- Victoria Deguara et kienu ntavolaw rikors datat 10 ta′ Mejju, 2016 fejn talbu li jkun hemm il-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt. L-intimati kienu opponew ghal tali talba billi ntavolaw ir-risposta taghhom, kif ukoll billi trattaw il-punt quddiem il-Prim′Awla tal-Qorti Civili. Madanakollu l-Prim′Awla permezz ta′ digriet tal-5 ta′ Ottubru, 2016 kienet laqghet it-talba tal-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt.

Illi l-intimat Joseph Camilleri kien talab permess mill-Prim′Awla sabiex jappella mid-digriet tal-5 ta′ Ottubru, 2016 qabel is-sentenza finali, liema talba kienet giet milqugha. Sussegwentement l-appell gie michud mill-Qorti tal-Appell permezz ta′ decizjoni tat-2 ta′ Marzu, 2018.

<u>Dwar ir-Rikors odjern bin-nru: 98/18 Joseph Camilleri -vs- Avukat Generali et:</u>

Illi essenzjalment l-ilment odjern huwa dwar id-digriet tal-5 ta′ Ottubru, 2016 imsemmi fil-paragrafi precedenti, fejn permezz tieghu l-Prim′Awla laqghet it-talba ghall-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt u liema digriet gie kkonfermat mill-Qorti tal-Appell permezz tad-decizjoni tat-2 ta′ Marzu, 2018.

Ir-rikorrent Joseph Camilleri jilmenta li d-digriet tal-kjamat in kawza huwa leziv tad-dritt fundamentali tieghu ghal smigh xieraq sancit bl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta′ Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghar-raguni li konsegwenza tieghu l-

eccezzjoni tieghu ngabet fix-xejn u jallega li kien hemm kapovolgiment procedurali. Jilmenta wkoll li bid-digriet thallew jitwalu l-proceduri.

Illi apparti dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali r-rikorrent talab li din l-Qorti taghti dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali fosthom billi tiddikjara li d-digriet tal-Prim Awla tal-5 ta' Ottubru, 2016 li gie konfermat mill-Qorti tal-Appell b'decizjoni tat-2 ta' Marzu, 2018 huwa null u bla effett fil-konfront tieghu.

**L-Ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u l-Eccezzjoni preliminari tal-intimati Angelo Camilleri et:**

Illi kemm l-Avukat tal-Istat, kif ukoll l-intimati Angelo Camilleri et. eccepew illi l-gudizzju m'huwiex integru billi fil-kawza bic-citazzjoni numru 803/93 fl-ismijiet Angelo Camilleri et -vs- Victoria Deguara et hemm partijiet ohra li m'humiex parti f'din il-kawza u huwa guridikament improponibbli li f'kawza fejn qed jintalab l-annullament jew varjazzjoni ta' digriet ta' kawza u ma jigux inkluzi l-partijiet kollha fil-kawza.

Illi fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2019 Dr Noel Bartolo riferibbilment ghall-ewwel eccezzjoni sollevata minn Angelo Camilleri et. talab il-kjamat in kawza ta' Victoria Deguara u Maria Dolores Camilleri. In segwitu l-Qorti laqghet it-talba u ordnat li jigu kjamati fil-kawza l-persuni msemmija.

In vista li l-persuni neqsin gew kjamati in kawza, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat u

l-eccezzjoni preliminari tal-intimati Angelo Camilleri et bhala sorvolati.

**<u>Allegat ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea – Dritt ghall-smigh xieraq:</u>**

Illi r-rikorrent Joseph Camilleri jallega ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dan meta l-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza bic-cit nru: 809/93 fl-ismijiet Angelo Camilleri et -vs- Victoria Deguara et, laqghet talba li giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell, sabiex ikun hemm il-kjamat in kawza tal-Ufficju Kongunt – sid l-art mertu tal-kawza. Ir-rikorrent Camilleri jsostni li konsegwenza ta' dan id-digriet:

(i) l-eccezzjoni tieghu li l-gudizzju mhux integru billi c-cessjoni tista tigi attakkata biss mis-sidien tal-art, ingabet fix-xejn billi kien hemm caqlieq tal-lasti u kapovolgiment proceduráli, u,

(ii) kawza tal-kjamat in kawza, l-kawza kienet ser tithalla titwal ulterjorment.

<u>L-ewwel punt – eccezzjoni ngabet fix-xejn u kien hemm kapovolgiment procedurali:</u>

Illi r-rikorrent Joseph Camilleri jsostni li konsegwenza tad-digriet tal-5 ta' Ottubru, 2016, fejn gie kjamat in kawza l-Ufficju Kongunt, l-eccezzjoni tieghu ngabet fix-xejn. Ghal ahjar intendiment il-Qorti tqis li huwa opportun li tikkwota *ad verbatim* l-eccezzjoni li r-rikorrent jaghmel referenza ghaliha. Din hi s-segwenti:

> '2. Illi fit-tieni lok il-gudizzju mhux integru u dan stante li una volta li qeghda tigi attakkata ic-cessjoni tal-qbiela in

kwistjoni u l-assenjazzjoni tal-istess lill-eccipjent Joseph Camilleri huwa mehtieg sine qua non il-prezenza tal-istess Awtoritajiet Ekklesjastici jew persuni ohra flokhom fid-dawl tal-ftehim milhuq bejn l-Istat u s-Santa Sede;'.

Illi dwar dan tal-intimat Avukat tal-Istat jeccepixxi li l-ilment huwa wiehed bikri peress li l-proceduri Civili ghadhom ma waslux fi tmiemhom. Isostni li s'issa ghadu mhux maghruf kif u taht liema cirkostanzi r-rikorrent sejjer jigi zvantaggjat stante li l-Qorti ghadha ma ppronuncjatx ruhha dwar l-eccezzjonijiet imressqa minn Joseph Camilleri.

L-istess gie eccepit mill-intimati l-ohra Angelo Camilleri et fit-tieni eccezzjoni tieghu fejn sostnew li din il-Qorti ghandha tiddeklina milli tezercita l-poteri kostituzzjonali taghha stante li l-kawza 809/93 ghadha pendenti quddiem il-Prim'Awla fis-sede ordinarja taghha u jekk jigu michuda t-talbiet f'dik il-kawza, r-rikorrent ma jkun sofra l-ebda pregudizzju, ghalhekk qabel ma jkun hemm decizjoni fuq l-imsemmija kawza ma jistax jinghad li kien hemm xi ksur tad-drittijiet fundamentali jew konvenzjonali tar-rikorrent.

Illi jibda billi jinghad li l-istitut tal-kjamat in kawza huwa ntiz ghall-integrita' tal-gudizzju u sabiex jigu protetti d-drittijiet ta' smigh xieraq u tal-*audi alteram partem* tal-partijiet kollha partikolarment min ghandu interess guridiku fil-vertenza. Di piu' l-istitut tal-kjamat in kawza huwa wkoll intiz sabiex jigu evitati multiplicita' ta' kawzi u gudizzji.

Illi l-Qorti tifhem li r-rikorrent Joseph Camilleri jilmenta li l-eccezzjoni tieghu ngabet fix-xejn peress li fir-rapport peritali ta' Dr Vincent Galea pprezentat fl-atti tal-kawza 809/93 fil-11 ta' Mejju, 2015 jirrizulta li bhala konkluzjoni gie suggeriet li tigi milqugha t-

tieni eccezzjoni (dik mertu tal-kawza odjerna) u li allura dik il-Qorti tghaddi sabiex tichad it-talbiet. In fatti l-konkluzjoni tal-Perit Tekniku Dr Vincent Galea taqra kif isegwi:

> **'VI. KONKLUZJONIJIET**
>
> **GHALDAQSTANT, in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, l-esponenti jissottometti illi din l-Onorabbli Qorti ghandha, prevja l-akkoljiment tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) eccezzjoni tal-konvenuti Victoria Deguara u Joseph Camilleri, kif ukoll dik tas-seba` (7) eccezzjoni tal-kjamata fil-kawza Maria Dolores Camilleri, tghaddi sabiex TICHAD it-talbiet tal-atturi u tillibera l-konvenuti u lill-kjamata fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju.'**

Illi din il-Qorti taqbel mal-eccezzjonijiet tal-intimati li ghadu bikri sabiex jinghad li l-eccezzjoni tar-rikorrent ngabet fix-xejn kif jilmenta u dan peress li hija kompitu tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza l-ohra li tiddeciedi t-tieni eccezzjoni tal-kawza 809/93 u mhux ta' din il-Qorti. Din il-Qorti hija mghammra biss bil-poter li tinvestiga ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem billi tinvestiga jekk il-Qrati ordinarji naqsux milli jharsu dawk il-garanziji proceduarali fosthom li l-Qorti kienet wahda indipendenti u mparzjali u li r-rikorrent Joseph Camilleri nghata l-jedd shih li jiddefendi l-posizzjoni tieghu.

Il-Qorti rat li fl-atti tal-kawza l-ohra r-rikorrent odjern mhux qed jikkontensta l-indipendenza u l-imparzjalita' ta' dik il-Qorti. Jirrizulta wkoll lil din il-Qorti minn analizi tal-atti annessi li fl-ambitu tar-rikors sabiex jigi kjamat fil-kawza l-Ufficcju Kongunt, ir-rikorrent odjern inghata l-opportunita' li jressaq ir-risposta tieghu, kif ukoll li jressaq is-sottomissjonijiet tieghu *viva voce* billi

tratta l-istess rikors waqt is-seduta tad-9 ta' Gunju, 2016. Isegwi allura li r-rikorrent Camilleri nghata ugwalment daqs il-parti l-ohra u dan b'rispett shih tad- dritt ghal smigh xieraq u in regola mal-principju tal-*audi alteram partem*.

Ghaldaqstant in vista ta' dak suespost din il-Qorti tqis li ma jirrizulta li sehh ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti bid-digriet ta' dim il-Qorti diversament preseduta datat il-5 ta' Ottubru, 2016. Tant hu hekk li r-rikorrent anki inghata l-opportunita' li jappella l-istess digriet, jitratta l-istess appell u segwiet id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell li izda rrizultat f'decizjoni li ma kinitx dik li xtaq hu. Dan izda ma jfissirx li allura kien hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent odjern.

<u>It-tieni punt: kawza tal-kjamat in kawza, l-kawza kienet ser tithalla titwal ulterjorment:</u>

Illi dwar dan it-tieni lment tar-rikorrent Joseph Camilleri l-Qorti taqbel ukoll mar-risposta tal-intimati li se mai f'dan l-istadju huwa certament prematur li wiehed jidhol f'analizi dwar jekk tali digriet ghall-kjamat fil-kawza ipotetikament hux ser iwassal sabiex jitwalu l-proceduri bi ksur tad-dritt ghal smigh xieraq fi zmien r ragonevoli. Pjuttost mill-atti odjerni u minn dawk annessi aktar jirrizulta lil din il-Qorti li huwa r-rikorrent odjern li qed jaghmel minn kollox sabiex itawwal il-proceduri li nfethu fil-konfront tieghu **<u>fl-istess hin</u>** li huwa baqa jgawdi r-raba in kwistjoni liberament filwaqt li l-kontro-parti qed tistenna ezitu finali tal-proceduri sabiex jekk ikun il-kaz li jintlaqghu it-talbiet taghha, dato ma non concesso, tirriprendi lura l-pussess tal-art in kwistjoni.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza bil-mod segwenti:

1. Tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat u t-tieni eccezzjoni tal-intimati Angelo Camilleri et;

2. Tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat u l-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Tichad it-talbiet tar-rikorrent stante li ma rrizultax ksur tal-jedd fundamentali ghal-smigh xieraq tar-rikorrent fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Bl-ispejjez interament a karigu tar-rikorrent Joseph Camilleri.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**31 ta' Mejju, 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**31 ta' Mejju, 2022**